MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Numru 585/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**
**Spettur Robert Vella**
**Spettur Spirdione Zammit**
v

**KURT GRIMA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KURT GRIMA** t'erbgha w ghoxrin sena, bin Mario u Irene nee Galea, imwieled Pieta nhr s-sbatax ta' Frar 1985 u residenti 167, Triq Ghajn Dwieli, Rahal Gdid, detentur tal-karta tal-identita` numru 138785M gie mressaq quddiemha akkuzat:-

1. Talli b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni

wahda, gewwa Had Dingli nhar s-sbatax ta' Mejju 2009, xi hin wara nofsinhar flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta' stereo tal-ghamla JVC minn go vettura Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni JAJ 209 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, kif wkoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Michael Micallef u/jew persuni ohra;

2. Talli fir-Rabat, Malta, nhar s-sbatax ta' Mejju 2009, xi hin bejn t-tlieta w kwart ta' wara nofsinhar w s-sitta w nofs ta' filghaxija, flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta' camera tar-ritratti digitali tal-ghamla Pentex, mobile phone tal-ghamla Blackberry w oggetti ohra minn go vettura Mazda 232F bin-numru ta' registrazzjoni FAS 058, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn tnejn u tletin euro u erbgha w disghin euro centezmi, kif wkoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Mary Anne D'Anastasi u/jew persuni ohra;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fl-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAS 058 liema hsara teccedi l-hdax l-euro u hamsa w sittin euro centemzu izda li ma teccedix l-mija u sittax l-euro u sebgha w erbghin euro centezmu saret ghad-dannu ta' Mary Anne D'Anastasi u/jew persuni ohra;

4. Talli gewwa Hal Qormi f'xi hin fil-lejl ta' bejn t-tmintax w id-dsatax ta' Mejju 2009, flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta' stereo tal-ghamla Pioneer minn go vettura Vauxhall Corsa bin-numru ta' registrazzjoni AAC 959 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, kif wkoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Keith Zerafa u/jew persuni ohra;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fl-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAC 959 liema hsara teccedi is-sittax l-euro u hamsin euro centezmi izda li ma teccedix l-mija u sittax l-euro u sebgha w erbghin euro

centezmu saret ghad-dannu ta’ Keith Zerafa u/jew persuni ohra;

6. Talli gewwa Delimara, limiti ta’ Marsaxlokk, nhar t-tletin ta’ Mejju 2009, f’xi hin wara nofsinhar flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta’ apparat tal-HiFi w oggetti ohra minn go vettura Seat Cordoba bin-numru ta’ registrazzjoni GIL 225 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn tnejn u tletin euro u erbgha w disghin euro centezmu, kif wkoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Neil Ray Cilia u/jew persuni ohra;

7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fl-imsemmija vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GIL 225 liema hsara teccedi s-sittax l-euro u hamsin euro centemzi izda li ma teccedix l-mija u sittax l-euro u sebgha w erbghin euro centezmu saret ghad-dannu ta’ Neil Ray Cilia u/jew persuni ohra;

8. Talli gewwa Hal Qormi fil-lejl ta’ bejn d-disgha u l-ghaxra ta’ Gunju 2009, flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta’ stereo tal-ghamla Untrasonic, apparat u oggetti ohra minn go vettura Izusu Gemini bin-numru ta’ registrazzjoni CBB 107 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitejn tnejn u tletin euro u erbgha w disghin euro centezmu, kif wkoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Adrian Azzopardi u/jew persuni ohra;

9. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fl-imsemmija vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CBB 107 liema hsara teccedi l-mija u sittax l-euro u sebgha w erbghin euro centezmu saret ghad-dannu ta’ Adrian Azzopardi u/jew persuni ohra;

10. Talli fis-Siggiewi fil-lejl ta’ bejn d-disgha u l-ghaxra ta’ Gunju 2009, flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta’ apparat tal-HiFi minn go vettura

Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghruf, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, kif wkoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-dannu ta' persuna jew persuni mhux maghrufa;

11. Talli gewwa r-Rabat Malta fil-lejl ta' bejn l-ghaxra w il-hdax ta' Gunju 2009, flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta' stereo tal-ghamla JVC minn go vettura Peugeot 806 bin-numru ta' registrazzjoni JBL 819 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, kif wkoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Saviour Falzon u/jew persuni ohra;

12. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fl-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBL 819 liema hsara teccedi s-sittax l-euro u hamsin euro centezmi izda ma teccedix l-mija u sittax l-euro u sebgha w erbghin euro centezmu saret ghad-dannu ta' Saviour Falzon u/jew persuni ohra;

13. Talli gewwa r-Rabat Malta fil-lejl ta' bejn l-ghaxra w il-hdax ta' Gunju 2009, flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta' stereo tal-ghamla Kenwood minn go vettura Tata bin-numru ta' registrazzjoni FAI 471 liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, kif wkoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Paula Xuereb u/jew persuni ohra;

14. Talli gewwa r-Rabat Malta fil-lejl ta' bejn l-ghaxra w il-hdax ta' Gunju 2009, flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta' basket b'diversi oggetti minn go vettura Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni DAC 553 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, kif wkoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Clare Scerri u/jew persuni ohra;

15. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fl-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAC 553 liema hsara

teccedi l-mija u sittax l-euro u sebgha w erbghin euro centezmu saret ghad-dannu ta’ Clare Scerri u/jew persuni ohra;

16. Talli gewwa r-Rabat Malta fil-lejl ta’ bejn l-ghaxra w il-hdax ta’ Gunju 2009, flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta’ stereo tal-ghamla JVC minn go vettura Hyundai bin-numru ta’ registrazzjoni FAB 963 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, kif wkoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Matthew Grech u/jew persuni ohra;

17. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fl-imsemmija vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FAB 963 liema hsara teccedi s-sittax l-euro u hamsin euro centezmi izda ma teccedix l-mija u sittax l-euro u sebgha w erbghin euro centezmu saret ghad-dannu ta’ Matthew Grech u/jew persuni ohra;

18. Talli gewwa r-Rabat Malta fil-lejl ta’ bejn l-ghaxra w il-hdax ta’ Gunju 2009, flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta’ stereo tal-ghamla Kenwood minn go vettura Maruti 800 bin-numru ta’ registrazzjoni CBL 165 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, kif wkoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Carmelo Vassallo u/jew persuni ohra;

19. Talli gewwa Rahal Gdid fi zmien matul x-xahar ta’ Mejju 2009, ikkommetta serq ta’ stereo minn go vettura ta’ kulur ahmar tal-ghamla u numru ta’ registrazzjoni mhux maghrufa li kienet ipparkjata fi Triq Bormla, Rahal Gdid liema serq huwa kkwalifikat bin-natura tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ persuna mhux maghrufa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tittratta mal-imputat bhala li huwa recidiv ai tetmini tal-artikoli 49, 50 u 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Antonio Mizzi

datata hamsa w ghoxrin ta' Frar 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat bhala Dok. CSH 1, il-fedina penali tal-imputat bhala Dok. CSH 2 w il-kunsens tal-Avukat Generali bhala Dok. CSH 3 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tmintax ta' Gunju 2009 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tmintax ta' Gunju 2009 stess.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tmintax ta' Gunju 2009 w ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried, setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta ta' llum u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.
Dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat s-segwenti fatturi ghal klemenza fil-piena:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fatt li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputat kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni u li hafna mir-res furtiva giet irkuprata bl-ghajnuna tal-istess imputat.

Izda minn naha l-ohra rat l-fedina penali daqstant pezanti tal-imputat esibita bhala Dok. CSH 2 minn fejn jirrizulta li hemm registrati fuqha sitt reati kontra l-Ordinanza Pubbliku, dwar l-Ordinanza dwar t-Telekommunikazzjoni, pussess tad-droga Eroina u dwar attentat ta' serq u ricettezzjoni w ghaldaqstant thoss li piena karcerarja hija l-piena idoneja f'dan il-kaz.

**Illi ghalhekk l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 17(b), 49, 50, 280(2), 281, 278(2), 284, 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lill-imputat KURT GRIMA hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija effettivi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------